MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2010

Numru. 422/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christopher Pullicino)**
**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**Steve Magro**
**Malcolm Buttigieg**
**Dylan Muscat**

Kumpilazzjoni Nru: 422/2010

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi

Steve Magro, ta’ 28 sena, bin Raymond u Rita nee’ Galea, imwieled Pieta’  nhar il-25 ta’ Mejju, 1981 u residenti Block C2, Flat 5, Housing Estate, Fgura u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 267781(M).
Malcolm Buttigieg, ta’ 21 sena, bin Marco u Christine Ann Carmen nee’ Micallef, imwieled Pieta’ nhar il-15 ta’ Jannar, 1989 u residenti  Blokk A 3, Flat 2, Housing Estate, Fgura u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 72489(M).

U

Dylan Muscat, ta’ 16 –il sena, bin Nazzareno u Maria Sonia nee’ Briffa, imwieled Pieta’ nhar it-8 ta’ Mejju, 1993 u residenti Blokk L, Flat 8, Entrance 8, Housing Estate, Zabbar u detentur tal-karta ta’ l-Identita’ bin-numru 218293 (M).

Akkuzati talli
1. Nhar l-24 ta’ April, 2010, ghall-habta tas-sitta, gewwa Paceville f’San Giljan, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha ta’ persuna ohra, jew gabulha disordni f’mohha u cioe’ hebbew ghal Adrian Agius u ikkagunaw feriti ta’ natura gravi fuq l-imsemmi persuna skond kif gie iccertifikat mit-tobba tal-Isptar Mater Dei;
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha ta’ persuna ohra, jew gabulha disordni f’mohhha u cioe’ hebbew ghal James Gafa’ u kkagunaw feriti ta’ natura hafifa fuq l-imsemmi persuna skond kif gie iccertifikat mit-tobba tal-Isptar Mater Dei.

Il-Qorti, giet mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta tal-persuni offizi cioe’ Adrian Agius u James Gafa’  jew ghaz-zamma ta’ l-ordni pubbliku jew ghall-iskop ta’ l-protezzjoni tal-persuni Adrian Agius u James Gafa’ minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza’ ta’ vjolenza, tohrog ordni ta’ protezzjoni kontra l-akkuzati.

Il-Qorti, giet ukoll mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzati ghal hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsam mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kkontemplat fl-Artikoli 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikoli 37, 214, 216, u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-verbal ta’ l-udjenza mizmuma llum 20 ta’ Mejju 2010 meta l-ufficjal prosekutur informa lill-Qorti li l-griehi sofferti minn Adrian Agius igiebu l-konsegwenzi imsemmija f’l-artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udejnza mizmuma fid-29 ta’ April 2010 l-imputati ammettew l-imputazzjonijet migjuba kontra taghhom u waqt l-udjenza mizmuma llum it-tlett imputati kkonfermaw l-ammissjoni taghhom.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha wahda n-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati; u min-naha l-ohra l-koperazzjoni ta’l-imputati mal-pulizija u l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri

Illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fedina penali ta’ l-imputati (l-imputati Malcolm Buttigieg u Dylan Muscat ghandhom fedina penali netta fil-waqt li l-imputat Steve Magro ghandu xi kundanni) u l-eta ta’ kull wiehed mill-imputati.

Illi minhabba d-differenza fil-fedina penali u l-eta ta’ kull wiehed mill-imputati l-Qorti hija tal-fehma li ghandha titratta ma kull wiehed mill-imputati b’mod differenti.

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 37, 214, 216, u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fuq ammissjoni ssib lit-tlett imputati hatja ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u

Tikkundanna lill-imputat **Steve Magro** sena (1) prigunerija li b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta’ erbgha (4) snin;

Tikundanna lill-imputat **Malcolm Buttigieg** disgha (9) xhur prigunerija li b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed jigu sospiezi ghal perjodu ta’ sentejn.

B’applikazzjoni ta’l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tpoggi lill-imputat **Dylan Muscat** taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ tmintax il-xahar bil-kundizzjonijiet elenkati fid-degriet moghti kontestwalment.

In oltre kull wiehed mill-imputati huwa kkundannat ihallas lir-registratur ta’ din il-Qorti terz ta’l-ispejjez involuti fil-hatra ta’ l-esperti li kienu nominati f’l-atti ta’ l-inkjesta relattivi. Il-hlas ghandu jsir fi zmien mhux aktar tard minn tlett xhur mid-data li huma jigu infurmati b’l-ammonti li ghandhom ihallsu.

Il-Qorti spjegat lill-imputai fi kliem ordinarju r-responsabbilta taghhom u x’jigri jekk jikkommettu reat iehor fil-perjodi fuq indkati.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur ta’l-Ufficcju tal-Probation biex jigi assenjat ufficjal ghas-sorveljanza ta’ Dylan Muscat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------